



Ursula von der Leyen

President tal-Kummissjoni Ewropea

Ittra ta' missjoni

Brussell, l-1 ta' Diċembru 2019

Helena Dalli

Kummissarju għall-Ugwaljanza

Għażiża Helena,

Aktar kmieni din is-sena, il-poplu tal-Ewropa semma' leġnu f'numri bla preċedent fl-elezzjonijiet Ewropej. Huma ppreżentawlna missjoni biex inkunu deċiżivi u ambizzjużi fuq il-kwistjonijiet il-kbar ta' żmienna li qed isawru l-futur tas-soċjetà, tal-ekonomija u tal-pjaneta tagħna.

Il-bidliet fil-klima, it-teknoloġiji diġitali u l-ġeopolitika diġà qed ikollhom effett profond fuq il-ħajja tal-Ewropej. Aħna qed nixhdu tranżizzjonijiet kbar lil hinn mill-istrutturi tal-poter globali lejn il-politika lokali. Filwaqt li dawn it-trasformazzjonijiet jistgħu jkunu ta' natura differenti, irridu nuru l-istess ambizzjoni u determinazzjoni fir-rispons tagħna. Dak li nagħmlu issa se jiddetermina liema tip ta' dinja jgħixu fiha wliedna u se jiddefinixxi l-post tal-Ewropa fid-dinja.

Xogħolna bħala l-Kummissjoni Ewropea se jkun li mmexxu, naħtfu l-opportunitajiet u nindirizzaw l-isfidi li dawn il-bidliet jippreżentaw, waqt li naħdmu id f'id ma' nies minn madwar l-Ewropa u mal-gvernijiet, mal-parlamenti u mal-istituzzjonijiet li jaqduhom.

Dan huwa l-prinċipju li jispira l-Linji Gwida Politiċi tiegħi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss għall-2019-2024, li ppreżentajt lill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Lulju 2019. Jiena ddeskrivejt sitt ambizzjonijiet kbar li rrid li l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea tiffoka fuqhom. Dawn il-prijoritajiet huma marbuta ma' xulxin u huma parti mill-istess stampa. F'dan l-ispirtu, għaqqadt Kulleġġ li fih, kollha kemm aħna, se naħdmu, niddeċiedu u naslu għar-riżultati flimkien.

Mod ta' ħidma miftuħ u inklużiv

Dan l-approċċ jirrifletti l-mod ta' ħidma miftuħ, inklużiv u kooperattiv li se ndaħflu mal-Kummissjoni kollha, kif ukoll fir-relazzjonijiet tagħna ma' oħrajn.

Il-Kulleġġ: Tim wieħed

Il-Kummissjoni Ewropea taħdem fuq il-**prinċipju tal-kolleġġjalità**. Dan ifisser li aħna tim wieħed: aħna lkoll naħdmu flimkien billi nsegwu approċċ ta' gvern sħiħ, ilkoll għandna l-opinjoni tagħna, ilkoll niddeċiedu kollettivament u lkoll kemm aħna nieħdu r-responsabbiltà ta' dak li jkun ġie miftiehem.

Biex inkunu nistgħu nwettqu l-ambizzjonijiet u l-impenji tagħna, **jien se nagħti s-setgħa lil tmien Viċi Presidenti** biex imexxu u jikkoordinaw il-Gruppi tematiċi tal-Kummissarji dwar kull waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni. Is-Segretarjat Ġenerali se jappoġġahom f'dan ir-rwol. Il-Kummissarji kollha se jkunu fi Grupp wieħed jew aktar. Il-Kummissarju għall-Baġit u l-Amministrazzjoni se jirrapporta direttament lili.

Mit-tmien Viċi Presidenti, it-**tliet Viċi Presidenti Eżekuttivi** se jkollhom funzjoni doppja. Bħala Viċi Presidenti, dawn se jmexxu Grupp ta' Kummissarji u jkunu appoġġati mis-Segretarjat Ġenerali. Barra minn hekk, huma se jmexxu wkoll qasam ta' politika u jkollhom Direttorat Ġenerali taħt l-awtorità tagħhom għal din il-parti tax-xogħolhom. Wieħed mit-tliet Eżekuttivi, l-Ewwel Viċi President Timmermans, se jippresjedi fl-Kulleġġ fin-nuqqas tiegħi.

Ir-rappreżentant Għoli/Viċi President se jappoġġani fil-koordinazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-ħidma tal-Kummissarji kollha. Biex niżguraw li l-azzjoni esterna tagħna ssir aktar strateġika u koerenti, se tiġi diskussa b'mod sistematiku u deċiża mill-Kulleġġ. Biex jappoġġaw dan, is-servizzi u l-kabinetti kollha se jħejju l-aspetti esterni tal-laqqgħat tal-Kulleġġ fuq bażi ta' kull ġimgħa, biex b'hekk jirriflettu l-proċess diġà fis-seħħ għar-relazzjonijiet interistituzzjonali. Dan għandu wkoll jallinja aħjar l-aspetti interni u esterni tal-ħidma tagħna. Din se tkun **"Kummissjoni Ġeopolitika"**.

Nemmen li jeħtieġ li **nkellmu u nisimgħu aktar lil xulxin**, u dan irid jibda jsir fi ħdan il-Kummissjoni. Il-laqqgħat tal-Kulleġġ se jkunu postijiet ta' diskussjoni miftuħa u onesta. Bħala President se nistabbilixxi l-aġenda, iżda d-deċiżjonijiet kollha tal-Kulleġġ se jittieħdu b'mod kollettiv. F'konformità mal-impenn tagħna li tiġi diġitalizzata b'mod sħiħ il-Kummissjoni u l-ħtieġa li jintużaw ir-riżorsi b'mod kuxjenzjuż, il-laqqgħat tal-Kulleġġ se jkunu mingħajr karti u diġitali.

Kull Kummissarju se jiżgura li jintlaħqu l-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti** fil-qasam ta' politika tiegħu. Il-Kulleġġ kollu se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni kumplessiva tal-Għanijiet.

Relazzjonijiet interistituzzjonali u tfassil ta' politika aħjar

Flimkien mar-relazzjonijiet mill-qrib tagħna mal-Kunsill, nixtieq li nsaħħu s-**sħubija speċjali tal-Kummissjoni mal-Parlament Ewropew**. Din il-prijorità għandha tkun preżenti fix-xogħol kollu ta' kull Membru tal-Kulleġġ, ibda minni.

Se nistenna minnek li tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun aġġornat b'mod regolari, partikolarment qabel avvenimenti kbar u fi stadji ewlenin tan-negozjati internazzjonali. Fid-dawl tal-appoġġ tiegħi għal dritt ta' inizjattiva tal-Parlament, inti għandek taħdem mill-qrib mal-Kumitati rilevanti, u tkun attiva u preżenti matul it-tnejn ta' riżoluzzjonijiet li jsejnu għal-leġiżlazzjoni tal-Kummissjoni.

Aktar ma nibnu kunsens meta nfasslu l-politika, aktar tista' ssir liġi u tagħmel differenza fil-ħajja tan-nies malajr. Din hija r-raġuni għaliex neħtieġu **approċċ miftuħ u kooperattiv fil-proċess**

leġiżlattiv kollu, mit-tfassil tal-politika sal-ftehim finali. Se nistenna minnek li tattendi n-negozjati politiċi kollha, magħrufa bħala laqgħat tat-trilogu, mal-istituzzjonijiet l-oħra.

Jeħtieġ li niżguraw li r-regolamentazzjoni tkun immirata, faċli biex wieħed jikkonforma magħha u ma żżidx piżijiet regolatorji mhux meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha dejjem ikollha l-libertà li tagħxi fejn ikun meħtieġ. Fl-istess ħin, irridu nibagħtu sinjal ċar liċ-ċittadini li **l-politiki u l-proposti tagħna jagħtu l-frott u jagħmlu l-ħajja aktar faċli** għan-nies u għan-negozji.

F’dan l-ispirtu, il-Kummissjoni se tiżviluppa strument ġdid biex twettaq il-prinċipju ta’ **“One In, One Out”**. Kull proposta leġiżlattiva li toħloq piżijiet ġodda għandha teħles lin-nies u lin-negozji minn piż eżistenti ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta’ politika. Se naħdmu wkoll mal-Istati Membri biex niżguraw li, meta jkunu qed jitttrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE, ma jżidux piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa.

Il-proposti jridu jkunu bbażati fuq l-evidenza, tkun saret konsultazzjoni b’mod wiesa’ dwarhom u jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt rieżaminata mill-Bord indipendenti tal-Iskrutinju Regolatorju. Inti se tiżgura li huma jirrispettaw il-prinċipji tal-**proporzjonalità u tas-sussidjarjetà** u li turi l-benefiċċju ċar tal-azzjoni Ewropea.

Minħabba li kwalunkwe leġiżlazzjoni hija tajba biss skont kemm tkun tajba l-implimentazzjoni tagħha, irrid li **tiffoka fuq l-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġi tal-UE** fil-qasam tiegħek. Għandek tipprovdi appoġġ u gwida kontinwa lill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni, u tkun lesta biex tiegħu azzjoni rapida jekk jinkiser id-dritt tal-UE.

Inqarrbu l-Ewropa lejn iċ-ċittadini

Nixtieq **insaħħaħ ir-rabtiet bejn in-nies u l-istituzzjonijiet li jservuhom**, biex titnaqqas id-differenza bejn l-aspettattiva u r-realtà u biex nikkomunikaw dwar dak li qed tagħmel l-Ewropa.

Irridu nimpennaw ruġna mal-Ewropej kollha, mhux biss dawk li jgħixu fil-bliet kapitali jew li huma infurmati tajjeb dwar l-Unjoni Ewropea. Nistenna li inti **żżur kull Stat Membru sa tmiem l-ewwel nofs tal-mandat tagħna**. Għandek tiltaqa’ b’mod regolari mal-parlamenti nazzjonali u tiegħu sehem fid-Djalogi taċ-Ċittadini madwar l-Unjoni tagħna, notevolment bħala parti mill-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa.

Relazzjoni aktar b’saħħitha maċ-ċittadini tibda bil-nibnu fiduċja u kunfidenza. Se ninsisti fuq l-**ogħla livelli ta’ trasparenza u etika** għall-Kulleġġ kollu kemm hu. Ma hemmx lok għall-ebda dubju dwar l-imġiba tagħna jew dwar l-integrità tagħna. Il-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Kummissarji jstabbilixxi l-istandards u r-regoli li għandhom jiġu segwiti.

Inti għandek tiżgura li l-infiq baġitarju jirrappreżenta valur għall-kontribwenti fiskali u jsegwi l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda.

Nisfruttaw il-potenzjal tagħna

Il-Kulleġġ li jibda l-mandat tiegħu llum huwa **l-aktar wieħed ibbilanċjat bejn il-ġeneri sa issa**. Huwa pass lejn il-wegħda tiegħi li ngħaqqdu Kummissjoni li hija aktar rappreżentattiva u li tagħmel użu mill-potenzjal kollu tagħna. Dan huwa bidu tajjeb, iżda għad hemm ħafna aktar xogħol xi jsir.

Nistenna li inti **tagħmel użu mit-talenti kollha tal-Ewropa** meta tiġi biex tgħaqqad il-Kabinet tiegħek. Dan ifisser li għandu jinstab bilanċ xieraq f’termini ta’ ġeneru, esperjenza u ġeografija.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tmexxi bl-eżempju fir-rigward tal-iżgurar ta’ rappreżentanza aħjar u diversità ta’ vuċijiet fil-ħajja pubblika tagħna. Fid-dawl ta’ dan, l-avvenimenti pubbliċi kollha

organizzati mill-Kummissjoni għandu jkollhom l-għan li jinkludu panels b'bilanċ bejn il-ġeneri u firxa wiesgħa ta' perspettivi minn madwar l-Ewropa.

Il-missjoni tiegħek

Nixtieq nafdalek f'idejk ir-rwol ta' Kummissarju għall-Ugwaljanza.

L-Unjoni tagħna tissaħħaħ u tingħaqad permezz tad-diversità tagħha — tan-nies, tal-kultura u tat-tradizzjonijiet. Iżda l-Ewropa tista' timxi 'l quddiem biss jekk tuża l-assi, it-talenti u l-potenzjal kollha tagħha. Dan ifisser li tinħoloq soċjetà aktar ġusta li fiha dawk li għandhom l-istess aspirazzjonijiet ikollhom l-istess opportunitajiet li jwettquhom.

Min aħna, dak li nemmnu fih u kif nidhru m'għandux jiddetta ċ-ċansijiet tagħna li jkollna impjeg, li nimxu 'l quddiem fil-karriera tagħna, li nitthallsu l-istess bħal ħaddieħor għall-istess xogħol jew li jkollna d-drittijiet tagħna protetti.

Il-libertà u l-ugwaljanza huma parti mill-valuri fundamentali tal-Ewropa, u huma essenzjali għal kwalunkwe soċjetà li tiffunzjona. Filwaqt li l-Unjoni tagħna hija l-bażi ta' wħud mill-aktar soċjetajiet ugwali fid-dinja, għad hemm ħafna aktar xogħol x'isir.

Unjoni ta' ugwaljanza

Il-kompitu tiegħek matul il-ħames snin li ġejjin huwa li ssaħħaħ l-impenn tal-Ewropa favur **l-inklużjoni u l-ugwaljanza** fis-sensi kollha tagħha, irrispettivament mis-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, l-età, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew it-twemmin reliġjuż. Nixtieq li tkun attiva madwar l-Unjoni biex tqajjem kuxjenza u tippromwovi l-ugwaljanza.

- Bħala parti minn dan, inti se tmexxi l-**għlieda kontra d-diskriminazzjoni** kull fejn teżisti u se tippromwovi leġiżlazzjoni ġdida kontra d-diskriminazzjoni.
- Inti se tmexxi l-implimentazzjoni mill-UE tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-**Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità**, li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma parti minnha. Inti se taħdem mill-qrib mal-membri kollha tal-Kummissjoni biex tilħaq dan l-għan, inkluż rigward affarijiet esterni.
- Nixtieq li tiżviluppa **Strateġija Ewropea dwar il-Ġeneri** ġdida biex tindirizza oqsma li fihom in-nisa għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli addizzjonali. Bħala parti minn dan, se tiffoka fuq l-ugwaljanza fid-dinja tax-xogħol billi tressaq miżuri biex tintroduċi miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi.
- Għandek taħdem mal-Istati Membri biex issib triq 'il quddiem għad-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet u tiżgura li d-**Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata** tiġi implimentata bis-sħiħ.
- Jeħtieġ li nagħmlu aktar biex **inrażżnu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u biex nappoġġaw aħjar lill-vittmi**. L-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul tibqa' prijorità għall-Kummissjoni. Jekk tibqa' mblukkata fil-Kunsill, għandek tfittex li ssaħħaħ l-appoġġ, il-protezzjoni u d-drittijiet tal-vittmi, fosthom billi tqis il-proposti dwar l-istandards minimi rigward id-definizzjoni ta' ċerti tipi ta' vjolenza u ssaħħaħ id-Direttiva dwar il-vittmi. Bl-użu tal-possibilitajiet fit-Trattat, għandek tippromwovi li żżid il-vjolenza kontra n-nisa mal-lista ta' reati tal-UE.

- Għandek ukoll taħdem mill-qrib mal-Kummissarju għas-Sħubiji Internazzjonali fix-xogħol li jagħti s-**setgħa lin-nisa u lill-bniet**, permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki u billi tiżgura koerenza fil-politiki esterni u interni tagħna.

Bħala regola, se taħdem taħt il-gwida tal-Viċi President għall-Valuri u t-Trasparenza. Task Force magħmula minn esperti mis-servizzi tal-Kummissjoni se tgħinek f'xogħlok. Rigward kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza, se tuża wkoll l-unitajiet rilevanti tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi u tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

It-triq 'il quddiem

Il-missjoni deskritta hawn fuq mhijiex eżawrjenti jew preskrittiva. Bla dubju, se jfeġġu opportunitajiet u sfidi oħra matul il-ħames snin li ġejjin. Fuq dawn il-kwistjonijiet kollha, se nitolbok taħdem mill-qrib miegħi u ma' Membri oħra tal-Kulleġġ.

Ladarba jkun hemm aktar ċarezza, għandna nkunu lesti biex inwittu t-triq għal sħubija ambizzjuża u strateġika mar-Renju Unit.

Nistenna bil-ħerqa li naħdmu mill-qrib flimkien matul dan iż-żmien eċċitanti u ta' prova għall-Unjoni tagħna. Ovvjament, inti tista' sserraħ fuq l-appoġġ sħiħ personali u politiku tiegħi tul il-mandat tagħna.

Dejjem tiegħek,



Dr. Ursula von der Leyen

President tal-Kummissjoni Ewropea

